**A.L. 49 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-Diploma in Nursing u għad-Diploma in Midwifery**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1: Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-Diploma in Nursing u għad-Diploma in Midwifery, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għad-Diploma in Nursing u għad-Diploma in Midwifery - ippubblikati bħala Avviż Legali 105 ta' l-1999, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

**Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali**

3. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (3) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali:

"(4) Qabel il-bidu tal-Programm tad-Diploma, lill-istudenti li jagħżlu Midwifery Studies jew Psychiatric Nursing bħala l-qasam ta' studju tagħhom, issirilhom valutazzjoni oħra biex jiġi aċċertat li għandhom id-dispożizzjoni biex isegwu l-qasam ta' studju li għażlu."

**L.N. 49 of 2003**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Diploma in Nursing and Diploma in Midwifery Course (Amendment) Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30 (5) and 31 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by sections 31 and 35 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as the Diploma in Nursing and Diploma in Midwifery Course (Amendment) Regulations, 2003 and shall be read and construed as one with The Diploma in Nursing and Diploma in Midwifery - Course Regulations, 1999 published as Legal Notice 105 of 1999, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. These regulations shall apply to courses starting in October 2002 or later.

**Amendment of regulation 7 of the principal regulations**

3. The following paragraph (4) shall be added after paragraph (3) of regulation 7 of the principal regulations:

"(4) Before the commencement of the Diploma Programme, students opting for Midwifery Studies or Psychiatric Nursing as their area of study shall be reassessed for their suitability to follow their chosen area of study."